MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2008

Numru. 23/2008

Il- Pulzija
(Spettur Joseph Mercieca)
(Spettur Jeffrey Cilia)

-vs-

Silvio Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Silvio Camilleri, 23 sena, iben Carmel u Gemma nee' Camilleri, imwieled Pieta f'l-10 ta' Marzu, 1984 u li joqghod nru 17, St. Michael, Flat 4, Triq il-Flotta, Gzira, detentur tal-karta ta' l-identita' nru. 163884M.

Akkuzat talli b'diversi atti maghmulin, wkoll jekk fi zminijiet differenti, w li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe':

1. Talli fis-27 ta' Dicembru, 2007, ghall-habta tat-3.15p.m., gewwa l-hanut tat-dwiefer Abi's Artistic Nail Studio fi Triq it-Torri Wejter, Birkirkara ikkommetta serq ta' flus, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza u li sar ghad-detriment ta' Abigail Law u/jew ta' persuni ohra;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, immedjatament hawn fuq imsemmija, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-istess Abigail Law u diversi persuni ohra kontra l-volonta taghhom;

3. Aktar, talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, immedjatament hawn fuq imsemmija, filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

4. Talli fit-30 ta' Dicembru, 2007, ghall-habta tas-6p.m., gewwa l-hanut tax-xaghar Cute Looks fi Triq il-Mosta, San Pawl il-Bahar, flimkien ma persuna ohra, ikkommetta serq ta' flus kontanti u *mobile phone* tal-marka Nokia 6085, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn mitejn hamsa u ghoxrin Euro u seba' u hamsin Euro centezmi (Euro2325.57) jew l-elf lira Maltin, u li sar ghad-detriment ta' Tiziana Ghio u Helen Gauci u/jew ta' persuni ohra;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, immedjatament hawn fuq imsemmija, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Tiziana Ghio u Helen Gauci kontra l-volonta' taghhom;

6. Aktar, talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, immedjatament hawn fuq imsemmija, hedded bil-fomm lill-istess Tiziana Ghio u Helen Gauci b'delitt, fejn flimkien ma dan it-theddid kien hemm ordni u/jew kondizzjoni;

7. Talli fit-3 ta' Jannar, 2008, ghall-habta ta' l-4.30p.m., gewwa l-hanut Minorca Shoe Store fi Triq in-Naxxar, San Gwann, flimkien ma persuna ohra, ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza u bil-mezz, u li sar ghad-detriment ta' Gertrude Falzon u l-koppja Ivan u Caroline Debattista u/jew ta' persuni ohra;

8. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, immedjatament hawn fuq imsemmija, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-istess Gertrude Falzon u Laura Agius kontra l-volonta' taghhom;

9. Aktar, talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, immedjatament hawn fuq imsemmija, filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

10. Ukoll, talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, immedjatament hawn fuq imsemmija, garr fuqu strument li jaqta u bil-ponta minghajr licenza mill-kummissarju tal-pulizija;

11. Talli fl-4 ta' Jannar, 2008, ghall-habta tal-5p.m., gewwa l-ispizerija St. Joseph Pharmacy fi Triq il-Kbira, Hal-Lija, flimkien ma persuna ohra, ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn mitejn hamsa u ghoxrin Euro u seba' u hamsin Euro centezmi (Euro2325.57) jew l-elf lira Maltin, u li sar ghad-detriment ta' Wendy Antonia Scicluna, Celia Joel Agnes Mary Borg Cardona u/jew ta' persuni ohra;

12. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, immedjatament hawn fuq imsemmija, bla ordni skond il-

ligi ta' l-awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-istess Wendy Antonia Scicluna kontra l-volonta' taghha;

13. Aktar, talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, immedjatament hawn fuq imsemmija, filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

14. Ukoll, talli kiser il-provvediment ta' l-Artiklu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta impost fuqu permezz ta' sentenza datata 4 ta' Mejju, 2005, liema sentenza saret definittiva;

15. F'l-ahharnett, nakkuzawh wkoll talli rrenda ruhu recedivi ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa ga gie misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu anke wara li l-Qorti fissritlu l-konsegwenzi ta' ammissjoni  u tghati zmien biex jahsibha.

Rat l-artikoli 49, 50, 51, 86, 249(a), 261(a)(b)(c), 262(1)(a)(b), 263, 264, 267, u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 6 u 55(a) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghat il-partijiet jitrattaw dwar l-piena.

Rat il-fedina penali  ta' l-imputat.

Ikkunsidrat

Illi f'l-udjenza mizmuma minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja fit-22 ta' Jannar 2008 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjament pruvati.

Illi f'dan ir-rigward pero l-Qorti tirrileva li mill-atti jirrizulta li fid-9 ta' Jannar 2008, u bhala konsegwenza tal-fatti li taw lok ghall-imputazzjonijiet odjerni, l-imputat kien tressaq quddiem din il-Qorti kif diversament peseduta u instab hati *inter alia* li kiser il-kundizzjonijiet ta'l-artikolu 22 tal-Kap 466 tal-Ligijiet ta' Malta li gew imposti fuqu b'sentenza datata 4 ta' Mejju 2005 mghotija mill-istess Qorti kif preseduta mill-Magistrat Dottor Antonio Mizzi.

Illi fil-fatt permezz ta' sentenza mghotija fid-9 ta' Jannar 2008 il-Qorti mhux biss sabet lill-imputat hati ta' din l-imputazzjoni imma anke trattat mieghu ghar-reati li taghhom kien instab hati f'l-4 ta' Mejju 2005.

Illi wahda mill-imputazzjonijet migjuba kontra l-imputat fic-citazzjoni odjerna (u cioe l-erbatax-il imputazzjoni) hija propju li l-imputat *kiser il-provvedimenti ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 466 tal-Ligijiet ta' Malta imposti fuqu permezz ta' sentenza datata 4 ta' Mejju 2005 liema sentenza saret definittiva*. Din l-imputazzjoni hija identika ghal dik li taghha l-imputat diga instab hati fid-9 ta' Jannar 2008.

Illi huwa principju stabbilit fis-sistema guridika taghna li persuna ma tistax tigi processata darbtejn ghall-istess reat konsegwentement il-Qorti ma tistax terga issib lill-imputat hati ta' din l-imputazzjoni.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta ghall-imputazzjonijiet l-ohra l-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni.

Illi min-naha wahda l-Qorti ikkunsidrat il-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija u l-ammissjoni tieghu kemm f'l-istqarrija kif ukoll fi stadju bikri hafna ta' dawn il-proceduri.

Illi min-naha l-ohra l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura u l-gravita tar-reati kommessi kif ukoll l-fedina penali ta'l-imputat.

Illi jirrizulta ampjament li l-agir ta' l-imputat huwa rizultat tad-dipendenza li ghandu fuq id-droga. Pero jirrizulta ukoll li l-imputat ma hax l-opportunitajiet li nghatawlu qabel ma

kkommetta ir-reati odjerni biex jirriabilita ruhu u jiehu passi biex jirrizolvi l-problema li ghandu ta’ dipendenza fuq id-droga.

Illi f’dawn ic-cirkostanzi, u anke in vista ta’ l-imputazzjonijet illum addebietati lil-imputat, il-Qorti m’ghandha l-ebda ghazla hlif li timponi piena karcerarja.

Ghal dawn il-motivi, fil-waqt li tillibera lill-imputat mill-erbatax-il imputazzjoni u cioe dik ta’ ksur ta’liberta kundizzjonata, u wara li rat l-artikoli 49, 50, 51, 86, 249(a), 261(a)(b)(c), 262(1)(a)(b), 263, 264, 267, u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 6 u 55(a) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll l-artikoli 17, 18, 20, 31, 275, 276, 277, 278, 278, u 280 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 51(7) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet l-ohra kollha u taghhom tikkundannah prigunerija ghal perjodu ta’ tlett (3) snin.

Il-Qorti tirrakommanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta’ Kordin sabiex l-imputat jinghata l-facilita li jsegwi programm ta’ riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------